V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8611 — Smithfield/Pini Polonia)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 411/08)

1. Fis-27 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Smithfield Foods, Inc. ("Smithfield", l-Istati Uniti tal-Amerika); kumpanija sussidjarja indiretta li hija proprjetà kollha kemm hi ta' WH Group Limited;

— Pini Polonia Sp. z o.o. ("Pini Polonia", il-Polonja).

Smithfield takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll ta' Pini Plonia kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Smithfield hija primarjament involuta fil-produzzjoni tal-ħnieżer, majjali tat-tbiċċir u tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni ta' laħam ippakkjat u ta' laħam frisk tal-majjal permezz tas-sussidjarji jew affiljati tagħha fl-Istati Uniti tal-Amerika, il-Messiku, il-Polonja, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

— Pini Polonia tħaddem biċċerija unika tal-majjal li tinsab f'Kutno, il-Polonja. Minbarra l-qatla tal-ħnieżer, Pini Polonia tforni l-laħam tal-majjal lill-bejjiegħa bl-imnut u lill-impjanti ta' pproċessar ulterjuri.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta. Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8611 — Smithfield/Pini Polonia

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").